MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 9/2011

Raymond Attard ghan-nom u in rapprezentanza ta’ JCR Limited

vs

Anthony Muscat

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-2 ta’ Mejju 2011, li jaqra hekk :-

‘Tghid inti konvenut il-ghaliex m’ghandekx tkun ikkundanat li thallas s-somma ta’ elf u wiehed u sebghin Euro u sitta u tletin centezmu (€1,071.36) bhala prezz ta’ merkanzija lilek mibjugha u kkunsinnjata, bl-imghax legali mid-data tal-kunsinna sad-data ta’ l-effettiv pagament ;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja, u kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficjali spedita lilek ;

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li minn issa inti konvenut diga’ tinsab ingunt.’ ;

Ra li l-konvenut debitament innotifikat bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fl-14 ta’ Gunju 2011, baqa’ ma dahhalx risposta u lanqas ma deher quddiem it-Tribunal biex jikkontesta t-talba tas-socjeta’ attrici ;

Fl-udjenza tal-5 ta’ Lulju 2011, sama’ lil Louis Camenzuli, impjegat tas-socjeta’ attrici li xehed bil-gurament u esibixxa kopja tal-fatturi u *statement* aggornat tal-kont tal-konvenut. Fl-istess udjenza gew ipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut, u fl-udjenza tat-8 ta’ Lulju 2011, dawn il-kapitoli gew miftuha, u fl-assenza tal-konvenut gew mehuda bhala li gew mistqarra ;

Ra l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti esibiti ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi din hija kawza ghall-hlas ta’ merci li gew mixtrija mill-konvenut minghand is-socjeta’ attrici, u ttiehdu minnu biex uzahom ghax-xoghol tieghu. Is-socjeta’ attrici esibiet kopji tal-fatturi relattivi li gew dibitament iffirmati mill-konvenut, u li jammontaw komplessivament ghal disa’ mija u erbgha u sittin Euro u disghin centezmi (€964.90) ;

Qabel xejn irid jigi precizat li l-kontumacja ma hijiex ammissjoni izda opposizzjoni, u ghalhekk xorta wahda s-socjeta’ attrici trid tipprova l-pretensjoni minnha vantanta ghall-ammont shih li qeghdha titlob sabiex tirnexxi fl-azzjoni taghha. Inghad li ‘l-istitut tal-kontumacja hu ntiz bhala fren biex irazzan l-atteggjament tal-kontumelja u disprezz da parti ta' min kien citat biex jersaq quddiem il-Qorti u jaghzel li jinjora tali ordni bla ma jkollu gustifikazzjoni xierqa. Il-kontumacja trid tkun kemm formali kif ukoll sostanzjali; l-assenza trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza. Huwa manifest li assenza mill-atti trid tigi konfermata b'assenza bhallikieku huwa kontumaci - fis-sens pjen tal-kelma’ ....... ‘u l-kontumacja wahidha ma

kellhiex titqies bhala ammissjoni tat-talba ta' l-attur da parti tal-konvenut izda kontestazzjoni ta' l-istess. Ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dana ma jfissirx illi huwa abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domandi. Il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hiex gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut.’ [Appell Inferjuri, **Fenici Insurance Agency Ltd. vs Paul Stoner et**, 22/11/2002; Qorti Tal-Appell, **Joseph Vella vs Pierre Cremona**, 10/10/2003] ;

Dan it-Tribunal fela bir-reqqa l-provi kollha tas-socjeta’ attrici. Jirrizulta mix-xhieda ta’ Louis Camenzuli u mid-dokumenti minnu esibiti, li l-konvenut kien ordna u xtara minghand is-socjeta’ attrici merci  li l-prezz taghhom kien ta’ disa’ mija u erbgha u sittin Euro u disghin centezmi (€964.90), li baqa’ ma hallsux. Is-somma ta’ mija u sitt Euro u sitta u erbghin centezmi (€106.46) fuq dan l-ammont ta’ €964.90 li qed titlob is-socjeta’ attrici huwa tal-imghax mid-data tal-hrug tal-fattura relattiva ghal kull konsenja li saret lill-konvenut sat-2 ta’ Lulju 2011 ;

It-talba attrici hija gusta u timmerita li tigi milqugha limitatament ghall-ammont ta’ disa’ mija u erbgha u sittin Euro u disghin centezmi (€964.90), liema ammont gie ppruvat a pienu soddisfazzjon ta’ dan it-Tribunal ;

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380, u l-artikoli 1031 u 1032 tal-Kap.16 ;

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa’ t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disa’ mija u erbgha u sittin Euro u disghin centezmi (€964.90), rapprezentanti prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut,  bl-imghaxijiet fuq din is-somma mid-data tal-konsenji relattivi sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------